PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0335/2012**

17.10.2012

# RAPPORT

dwar iċ-Ċibersigurtà u ċ-Ċiberdifiża
(2012/2096(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Tunne Kelam

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ..................................................14

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar iċ-Ċibersigurtà u ċ-Ċiberdifiża**

**(2012/2096(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għas-Sigurtà Ewropea approvata mill-Kunsill Ewropew fil-11 u t-12 ta' Diċembru 2008,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa, li saret f'Budapest fit-23 ta' Novembru 2004,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni tas-27 ta' Mejju 2011 u l-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar iċ-ċibersigurtà,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" tad-19 ta' Mejju 2010 (COM(2010)0245),

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-infrastruttura kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom[1],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni reċenti mill-Kummissjoni dwar il-ħolqien ta' Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità bħala prijorità tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna (COM(2012)0140),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2010 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2011 dwar l-iżvilupp tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1334/2000 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-Ħarsien tal-

[1] ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75.
[2] Testi adottati, P7_ TA(2010)0061.
[3] Testi adottati, P7_ TA(2011)0228.
[4] Testi adottati, P7_TA(2012)0207.
[4] Testi adottati, P7_ TA(2012)0406.

Infrastruttura Kritika tal-Informazzjoni – kisbiet u l-passi li jmiss: lejn ċibersigurtà dinjija[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-5 ta' Lulju 2012 intitolata "Il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fuq l-internet"[6], li tirrikonoxxi l-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u ċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' informazzjoni fuq l-internet,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-Summit ta' Chicago tal-20 ta' Mejju 2012,

– wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0335/2012),

A. billi fid-dinja globalizzata tal-lum, l-UE u l-Istati Membri tagħha saru jiddependu b'mod kruċjali fuq spazju ċibernetiku sigur u fuq użu b'sigurtà tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u fuq servizzi ta' informazzjoni u l-infrastrutturi assoċjati li jkunu reżiljenti u affidabbli;

B. billi t-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni jintużaw ukoll bħala strumenti ta' repressjoni; billi l-kuntest fejn jintużaw jiddetermina b'mod estensiv l-impatt li jista' jkollhom dawn it-teknoloġiji bħala forza għall-iżviluppi pożittivi jew għar-repressjoni;

C. billi l-isfidi, it-theddid u l-attakki ċibernetiċi qed jikbru b'pass drammatiku u jikkostitwixxu theddida kbira għas-sigurtà, id-difiża, l-istabilità u l-kompetittività tal-istati nazzjon kif ukoll tas-settur privat; billi dan it-theddid għaldaqstant ma għandux jiġi kkunsidrat bħala problema futura; billi maġġoranza tal-inċidenti ċibernetiċi li jkunu viżibbli ħafna u jħallu ħafna taqlib, issa huma motivati politikament; billi l-maġġoranza l-kbira tal-inċidenti ċibernetiċi jibqgħu fi stat primittiv, it-theddid għall-assi kritiċi qed isir dejjem iżjed sofistikat u jiġġustifika protezzjoni fil-fond;

D. billi ċ-ċiberspazju, bl-utenti globalment interkonnessi tiegħu li jlaħħqu kważi żewġ biljuni, sar wieħed mill-aktar mezzi b'saħħithom u effiċjenti għall-promozzjoni ta' ideat demokratiċi u għall-organizzazzjoni tan-nies hekk kif jippruvaw jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom għal-libertà u l-ġlieda kontra d-dittaturi; billi l-użu taċ-ċiberspazju minn reġimi mhux demokratiċi u awtoritarji huwa theddida dejjem akbar għad-drittijiet tal-individwi għal-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni; billi huwa kruċjali, għaldaqstant, li jiġi żgurat li ċ-ċiberspazju jibqa' miftuħ għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' ideat, informazzjoni u espressjoni;

E. billi hemm ħafna ostakli ta' natura politika, leġiżlattiva u organizzattiva fl-UE u fl-Istati Membri tagħha għall-iżvilupp ta' approċċ komprensiv u unifikat għaċ-ċiberdifiża u għaċ-ċibersigurtà; billi hemm nuqqas ta' definizzjoni komuni, standards komuni u miżuri komuni fil-qasam sensittiv u vulnerabbi taċ-ċibersigurtà;

F. billi l-kondiviżjoni u l-koordinament fl-istituzzjonijiet tal-UE u mal-Istati Membri u

[5] Testi adottati, P7_ TA(2012)0237.
[6] http://www.ohchr.org/EN/HRBodies/HRC/RegularSessions/Session20/Pages/ResDecStat.aspx.

bejniethom, kif ukoll mas-sħab esterni, għadhom insuffiċjenti;

G. billi jeżisti nuqqas ta' definizzjonijiet ċari u armonizzati ta' "ċibersigurtà" u "ċiberdifiża" fil-livelli tal-UE u internazzjonali; billi l-fehma ta' ċibersigurtà u ta' terminoloġija ewlenija oħra tvarja b'mod konsiderevoli fost il-pajjiżi differenti;

H. billi l-UE għadha ma żviluppatx politiki koerenti tagħha stess dwar l-ħarsien tal-infrastruttura tal-informazzjoni kritika li teħtieġ approċċ multidixxiplinari b'hekk tiżdied is-sigurtà filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali;

I. billi l-UE pproponiet diversi inizjattivi biex tegħleb iċ-ċiberkriminalità fil-livell ta' ċivili, inkluż it-twaqqif ta' Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità ġdid, iżda għad m'għandha l-ebda pjan konkret fil-livell tas-sigurtà u tad-difiża;

J. billi l-ħolqien ta' relazzjoni ta' fiduċja bejn is-settur privat u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, id-difiża u istituzzjonijiet kompetenti oħra huwa ta' importanza enormi fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità;

K. billi l-fiduċja reċiproka fir-relazzjonijiet bejn l-atturi statali u dawk mhux statali hija prerekwiżit għal ċibersigurtà affidabbli;

L. billi l-maġġoranza tal-inċidenti ċibernetiċi kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat tibqa' ma tiġix irrappurtata minħabba n-natura sensittiva tal-informazzjoni u l-possibbiltà ta' dannu fl-immaġni tal-kumpaniji involuti;

M. billi għadd kbir ta' inċidenti ċibernetiċi jseħħ minħabba nuqqas ta' reżiljenza u solidità tal-infrastruttura tan-netwerks privati u pubbliċi, bażijiet tad-data bi protezzjoni jew sigurtà skarsa u lakuni oħra fl-infrastruttura ta' informazzjoni kritika; billi huma biss ftit dawk l-Istati Membri li jikkunsidraw li l-protezzjoni tan-netwerk u s-sistemi ta' informazzjoni tagħhom u tad-data assoċjata huma parti mid-dmir ta' diliġenza rispettiv tagħhom, fatt li jispjega n-nuqqas ta' investimenti fl-aktar teknoloġija ta' sigurtà moderna, f'taħriġ u fl-iżvilupp ta' linji gwida xierqa, billi għadd imdaqqas ta' Stati Membri jiddependi mit-teknoloġija tas-sigurtà ta' pajjiżi terzi u għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex inaqqsu tali dipendenza;

N. billi l-maġġoranza tal-awturi ta' attakki ċibernetiċi ta' livell għoli, li jheddu s-sigurtà u d-difiża nazzjonali jew internazzjonali qatt ma jiġu identifikati u mħarrka; billi m'hemm l-ebda forma miftiehma fuq livell internazzjonali ta' rispons għal attakk ċibernetiku bl-appoġġ ta' Stat kontra Stat ieħor, u lanqas fehim jekk dan jistax jitqies bħala casus belli;

O. billi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA) qed tipparteċipa bħala faċilitatur għall-Istati Membri biex tappoġġa l-iskambju ta' prattiki tajbin fil-qasam taċ-ċibersigurtà billi tirrakkomanda kif għandha tiġi żviluppata, implimentata u miżmuma strateġija ta' ċibersigurtà; u għandha rwol ta' appoġġ fl-Istrateġiji Nazzjonali taċ-Ċibersigurtà, il-Pjanijiet ta' Kontinġenza Nazzjonali, billi torganizza eżerċizzji pan-Ewropej u internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Infrastruttura Kritika tal-Informazzjoni (CIIP), u l-iżvilupp ta' xenarji għall-eżerċizzji nazzjonali;

P. billi sal-10 ta' Ġunju 2012, 10 Stati Membri biss kienu għadhom adottaw uffiċjalment

Strateġija Nazzjonali taċ-Ċibersigurtà;

Q. billi ċ-ċiberdifiża hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-EDA, li fl-ambitu tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet stabbiliet tim għal proġett fuq iċ-ċiberkriminalità mal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li jaħdem biex jiġbor l-esperjenzi u jipproponi rakkomandazzjonijiet;

R. billi l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp taċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża huma kruċjali għall-avvanz u ż-żamma ta' livell għoli ta' ċibersigurtà u ċiberdifiża; billi l-infiq tad-difiża fuq ir-riċerka u l-iżvilupp naqas minflok laħaq it-2 % miftiehma mit-total tan-nefqa għad-difiża;

S. billi s-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni taċ-ċittadini dwar iċ-ċibersigurtà għandhom jikkostitwixxu l-bażi ta' kull strateġija komprensiva ta' ċibersigurtà;

T. billi għandu jiġi stabbilit bilanċ ċar bejn il-miżuri ta' sigurtà u d-drittijiet taċ-ċittadini skont it-TFUE, bħad-dritt għall-privatezza, għall-protezzjoni tad-data u l-libertà ta' espressjoni; biex tal-ewwel ma jiġux issagrifikati f'isem l-oħrajn u viċi versa;

U. billi hemm ħtieġa dejjem tikber għar-rispett u l-ħarsien aħjar tad-drittijiet tal-individwi fejn tidħol il-privatezza, kif stabbilit fil-Karta tal-UE u fl-Artikolu 16 tat-TFUE; billi l-ħtieġa għall-istituzzjonijiet u l-korpi tad-difiża li, fil-livell nazzjonali, jiggarantixxu s-sigurtà u d-difiża taċ-ċiberspazju, waqt li hi importanti, m'għandha qatt tintuża bħala skuża biex, b'xi mod, jitrażżnu d-drittijiet u l-libertajiet fiċ-ċiberspazju u fl-ispazju informattiv;

V. billi n-natura globali u bla fruntieri tal-internet teħtieġ forom ġodda ta' kooperazzjoni internazzjonali u ta' governanza ma' diversi partijiet interessati;

W. billi l-gvernijiet qed jiddependu dejjem aktar fuq atturi privati għas-sigurtà tal-infrastruttura kritika tagħhom;

X. billi s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għadu ma inkludiex b'mod proattiv aspett ta' ċibersigurtà fir-relazzjonijiet tiegħu mal-pajjiżi terzi;

Y. billi, s'issa l-Istrument għall-Istabbilita huwa l-uniku programm tal-UE li huwa mfassal biex jirrispondi għal kriżijiet urġenti jew għal sfidi ta' sigurtà globali/transreġjonali, inkluż theddid marbut maċ-ċibersigurtà;

Z. billi l-għoti ta' risposti b'mod konġunt – permezz tal-grupp ta' ħidma tal-UE u l-Istati Uniti dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità – għal theddid marbut maċ-ċibersigurtà huwa wieħed mill-kwistjonijiet prijoritarji fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti;

**Azzjonijiet u koordinament fl-UE**

1. Jinnota li t-theddid u l-attakki ċibernetiċi kontra korpi governattivi, amministrattivi, militari u internazzjoni huma minaċċa u okkorrenza li qed jikbru malajr kemm fl-UE kif ukoll fuq livell globali, u li hemm raġunijiet sinifikanti għal tħassib dwar il-fatt li atturi statali u mhux statali, speċjalment organizzazzjonijiet terroristiċi u kriminali, ikunu kapaċi

jattakkaw l-istrutturi u l-infrastrutturi kritiċi tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni tal-istituzzjonijiet u l-membri tal-UE, bil-potenzjal li jikkawżaw dannu konsiderevoli, inklużi effetti ċinetiċi;

2. Jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa li jkun hemm approċċ ikkoordinat u globali għal dawn l-isfidi fil-livell tal-UE permezz tal-iżvilupp ta' strateġija komprensiva taċ-ċibersigurtà tal-UE li għandha toffri definizzjoni komuni ta' ċibersigurtà u ta' ċiberdifiża u ta' dak li jikkostitwixxi attakk ċibernetiku relatat mad-difiża, viżjoni operattiva komuni u li għandha tieħu kont tal-valur miżjud tal-aġenziji u l-korpi eżistenti; kif ukoll tal-prattiki tajba minn dawk l-Istati Membri li diġà huma mgħammra bi strateġiji nazzjonali ta' ċibersigurtà; jenfasizza l-importanza kruċjali li jiġu kkoordinati u maħluqa sinerġiji fil-livell tal-Unjoni biex jgħinu jgħaqqdu d-diversi inizjattivi, programmi u attivitajiet, kemm militari kif ukoll ċivili; jenfasizza li strateġija bħal din għandha tassigura flessibbiltà u tiġi aġġornata fuq bażi regolari biex tadatta għan-natura li tinbidel malajr taċ-ċiberspazju;

3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jqisu l-possibbiltà ta' attakk ċibernetiku gravi kontra Stat Membri fil-proposta imminenti tagħhom dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Klawsola ta' Solidarjetà (Artikolu 222 tat-TFUE);  huwa, barra minn hekk, tal-fehma li minkejja l-attakki ċibernetiċi li jpoġġu s-sigurtà nazzjonali f'periklu xorta jeħtieġu definizzjoni b'terminoloġija komuni, dawn jistgħu jkunu koperti mill-Klawsola ta' Difiża Reċiproka (Artikolu 42.7 tat-TUE), mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' proporzjonalità;

4. Jenfasizza li l-PSDK trid tiżgura li l-forzi fuq operazzjonijiet militari tal-UE u l-missjonijiet ċivili jitħarsu minn attakki ċibernetiċi; jenfasizza li ċ-ċiberdifiża għandha ssir kapaċità attiva tal-PSDK;

5. Jisħaq fuq il-fatt li l-politiki kollha tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà għandhom ikunu bbażati u ddisinjati b'mod li jiżguraw il-protezzjoni u l-preservazzjoni massimi tal-libertajiet diġitali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fuq l-internet; iqis li l-Internt u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandhom jiddaħħlu fl-politika barranija u ta' sigurtà tal-UE biex isir progress f'dan l-isforz;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jirrikonoxxu b'mod mhux ekwivoku l-libertajiet diġitali bħala drittijiet fundamentali u bħala prerekwiżiti indispensabbli għat-tgawdija ta' drittijiet tal-bniedem universali; jisħaq fuq il-fatt li l-Istati Membri għandhom jimmiraw biex qatt ma jipperikolaw id-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini tagħhom meta jkunu qed jiżviluppaw ir-reazzjonijiet tagħhom għat-theddid u l-attakki ċibernetiċi u għandu jkollhom differenzi leġiżlattivi xierqa bejn inċidenti ċibernetiċi ta' livell militari u dawk ta' livell ċivili; jappella għall-applikazzjoni b'kawtela tar-restrizzjonijiet fuq il-kapaċità taċ-ċittadini li jisfruttaw l-istrumenti tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni;

7. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jfasslu, flimkien mal-Istati Membri, White Paper dwar iċ-Ċiberdifiża, li tistabbilixxi definizzjonijiet u kriterji ċari li jisseparaw il-livelli tal-attakki ċibernetiċi fl-isferi ċivili u militari, skont il-motivazzjoni u l-effetti tagħhom, kif ukoll il-livelli ta' reazzjonijiet, inklużi l-investigazzjoni, l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' min ikun wettaqhom;

8. Josserva bżonn ċar li tiġi aġġornata l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà bil-ħsieb li jiġu

identifikati u jinstabu mezzi għat-tfittxija u l-prosekuzzjoni tal-awturi tal-attakki ċibernetiċi kemm fuq bażi individwali, relatati man-netwerk kif ukoll b'appoġġ statali;

**Livell tal-UE**

9. Jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni orizzontali u l-koordinament fuq iċ-ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE u bejniethom;

10. Jisħaq fuq il-fatt li t-teknoloġiji l-ġodda jpoġġu f'dubju l-mod kif il-gvernijiet iwettqu d-dmirijiet fundamentali tradizzjonali; itenni li fl-aħħar mill-aħħar il-politiki fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà, inkluża sorveljanza demokratika xierqa, huma f'idejn il-gvernijiet; jieħu nota tar-rwol dejjem iktar importanti ta' atturi privati fit-twettiq ta' dmirijiet ta' sigurtà u difiża ta' spiss mingħajr trasparenza, responsabilità jew mekkaniżmi għas-sorveljanza demokratika;

11. Jisħaq fuq il-fatt li hemm bżonn li l-gvernijiet jikkonformaw mal-prinċipji bażiċi tad-dritt umanitarju u d-dritt internazzjonali pubbliku, bħar-rispett għas-sovranità statali u d-drittijiet tal-bniedem, fl-użu ta' teknoloġiji ġodda fl-ambitu tal-politiki dwar is-sigurtà u d-difiża; jiġbed l-attenzjoni fuq l-esperjenza tal-Istati Membri tal-UE, bħall-Estonja, fid-definizzjoni u t-tfassil ta' politiki dwar iċ-ċibersigurtà, kif ukoll taċ-ċiberdifiża;

12. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi evalwat il-livell ġenerali tal-attakki ċibernetiċi kontra s-sistemi u l-infrastruttura ta' informazzjoni tal-UE; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa ta' valutazzjoni kontinwa tal-grad ta' preparazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jindirizzaw l-attakki ċibernetiċi potenzjali; jinsisti b'mod partikolari fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-infrastrutturi ta' informazzjoni kritika;

13. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jkun iktar faċli li tinkiseb informazzjoni dwar vulnerabilitajiet, twissijiet u avviżi dwar theddid ġdid għas-sistemi ta' informazzjoni;

14. Jinnota li l-attakki ċibernetiċi li saru dan l-aħħar kontra n-netwerks ta' informazzjoni Ewropej u s-sistemi ta' informazzjoni governattivi, ikkawżaw dannu konsiderevoli għall-ekonomija u s-sigurtà, li l-firxa tiegħu ma ġietx ivvalutata b'mod adegwat;

15. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżviluppaw l-istrateġiji elettroniċi għas-sigurtà u l-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom fir-rigward tas-sistemi tagħhom stess fl-iqsar żmien possibbli;

16. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE sabiex fl-analiżi tar-riskji u l-pjanijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet tagħhom jinkludu l-kwistjoni tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi; jistieden, barra minn hekk, lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jagħtu taħriġ ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà lill-persunal kollu tagħhom; jissuġġerixxi li darba f'sena għandhom isiru eżerċizzji ċibernetiċi li jkunu simili għal eżerċizzji ta' emerġenza;

17. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp effiċjenti tal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters tal-UE (CERT-UE) u s-CERTs nazzjonali, kif ukoll l-iżvilupp ta' pjanijiet nazzjonali ta' kontinġenza fil-każ li tkun trid tittieħed azzjoni; jilqa' l-fatt li, sa Mejju 2012, l-Istati Membri tal-UE waqqfu CERTs nazzjonali; iħeġġeġ l-iżvilupp ulterjuri ta' CERTs nazzjonali u ta' CERT tal-UE li jekk ikun meħtieġ, ikunu jistgħu jitħaddmu fi

żmien 24 siegħa; jenfasizza l-ħtieġa li wieħed iħares lejn il-fattibbiltà ta' sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat f'dan il-qasam;

18. Jirrikonoxxi li l-"Ewropa Ċibernetika 2010", l-ewwel eżerċizzju pan-Ewropew dwar il-ħarsien ta' infrastruttura kritika tal-informazzjoni, li sar bl-involviment ta' diversi Stati Membri u li tmexxa mill-ENISA, kien azzjoni utli u eżempju ta' prassi tajba; jisħaq ukoll fuq il-bżonn li jinħoloq Netwerk ta' Informazzjoni għal Twissija dwar l-Infrastruttura Kritika fil-livell Ewropew malajr kemm jista' jkun;

19. Jenfasizza l-importanza ta' eżerċizzji pan-Ewropej bi tħejjija għal inċidenti ta' sigurtà fuq skala kbira fin-netwerk, u d-definizzjoni ta' sett uniku ta' standards għall-valutazzjoni tat-theddid;

20. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tesplora l-ħtieġa u l-fattibbiltà ta' sit ta' Koordinament Ċibernetiku tal-UE;

21. Jikkunsidra li, minħabba l-livell għoli ta' kapaċità meħtieġa kemm għad-difiża adegwata tas-sistemi u tal-infrastrutturi ċibernetiċi, kif ukoll għall-attakki kontrihom, il-possibbiltà li tiġi żviluppata strateġija etika "white hat" bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri għandha tkun ikkunsidrata; jinnota li l-potenzjal għal "eżodu ta' mħuħ" f'dawn il-każi hu għoli u li, speċifikament, il-minorenni kkundannati għal attakki ta' dan it-tip għandhom potenzjal għoli kemm biex jiġu riabilitati u kemm biex jiġu integrati fl-aġenziji u l-korpi għad-difiża;

**Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)**

22. Jilqa' l-inizjattivi u l-proġetti reċenti relatati maċ-ċiberdifiża, speċjalment fuq il-ġbir u l-immappjar tad-data, l-isfidi u l-ħtiġijiet taċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża rilevanti u jħeġġeġ lill-Istati Membri jikkooperaw aktar, anke fil-livell militari, mal-EDA fir-rigward taċ-ċiberdifiża;

23. Jenfasizza l-importanza għall-Istati Membri li jkollhom kooperazzjoni mill-qrib mal-EDA fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' ċiberdifiża tagħhom; jemmen li l-bini ta' sinerġiji, l-akkomunament ta' riżorsi u l-kondiviżjoni fuq livell Ewropew huma kruċjali għal ċiberdifiża effikaċi fil-livell Ewropew u nazzjonali;

24. Jinkoraġġixxi lill-EDA tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha man-NATO, maċ-ċentri ta' eċċellenza nazzjonali u internazzjonali, maċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità fl-Europol bħala kontribut għal reazzjonijiet aktar mgħaġġla fil-każ ta' attakki ċibernetiċi, u speċjalment maċ-Ċentru ta' Eċċellenza dwar il-Kooperazzjoni fiċ-Ċiberdifiża (CCDCOE), u biex tikkonċentra fuq il-bini tal-kapaċità u t-taħriġ kif ukoll fuq l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki;

25. Josserva bi tħassib li sal-2010, Stat Membru wieħed biss laħaq il-livell ta' 2 % ta' nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp għad-difiża, filwaqt li ħames Stati Membri ma nefqu xejn fuq ir-R&Ż fl-2010; iħeġġeġ lill-EDA, flimkien mal-Istati Membri, jiġbru r-riżorsi u jinvestu b'mod effikaċi fir-riċerka u l-iżvilupp kollaborattivi, b'attenzjoni partikolari għaċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża;

**Stati Membri**

26. Jistieden lill-Istati Membri kollha jiżviluppaw u jlestu l-istrateġiji nazzjonali ta' ċibersigurtà u ċiberdifiża rispettivi tagħhom mingħajr iżjed dewmien u jiżguraw solidità fl-ambjent tat-tfassil tal-politiki u f'dak regolatorju, proċeduri komprensivi għall-ġestjoni tar-riskji u miżuri u mekkaniżmi preparatorji xierqa; jistieden lill-ENISA tassisti lill-Istati Membri; jesprimi l-appoġġ tiegħu lejn l-ENISA fl-iżvilupp ta' Gwida ta' Prattiki Tajbin dwar prattiki u rakkomandazzjonijiet tajbin dwar kif għandha tiġi żviluppata, implimentata u miżmuma strateġija ta' ċibersigurtà;

27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu taqsimiet magħżula inkarigati miċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża fl-istruttura militari tagħhom, bil-ħsieb li jikkooperaw ma' korpi simili fl-Istati Membri l-oħra tal-UE;

28. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu ċentri ta' ġurisdizzjoni speċjalizzati fil-livell reġjonali intiżi biex irażżnu b'mod aħjar l-attakki għas-sistemi ta' informazzjoni; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitħeġġeġ l-adattament tal-liġijiet nazzjonali sabiex ikunu jistgħu jiġu adattati għall-iżviluppi tat-teknoloġiji u t-tipi ta' użu;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli taħdem fuq approċċ Ewropew koerenti u effiċjenti biex jiġu evitati inizjattivi żejda, waqt li tħeġġeġ u tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u jtejbu l-iskambju ta' informazzjoni; huwa tal-fehma li għandu jiġi stabbilit livell minimu obbligatorju ta' kooperazzjoni u kondiviżjoni bejn l-Istati Membri;

30. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet nazzjonali ta' kontinġenza u biex jinkludu l-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet u l-analiżi tar-riskju; jenfasizza ulterjorment l-importanza ta' taħriġ adegwat dwar iċ-ċibersigurtà essenzjali għall-persunal kollu fl-entitajiet pubbliċi u, b'mod partikolari, ta' offerta ta' taħriġ xieraq għall-membri tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji u ta' sigurtà fi ħdan stabbilimenti ta' taħriġ; jistieden lill-ENISA u lil korpi rilevanti oħra jassistu lill-Istati Membri fl-iżgurar tal-akkomunament u l-kondiviżjoni ta' riżorsi kif ukoll biex jevitaw id-duplikazzjoni;

31. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jpoġġu r-riċerka u l-iżvilupp bħala wieħed mill-pilastri ewlenin taċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża u jinkoraġġixxu t-taħriġ ta' inġiniera speċjalizzati fil-protezzjoni ta' sistemi informatiċi; jistieden lill-Istati Membri jonoraw l-impenn tagħhom biex iżidu l-infiq tad-difiża fuq ir-riċerka u l-iżvilupp tal-anqas għal 2 %, b'attenzjoni partikolari għaċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jressqu programmi li jippromwovu u jissensibilizzaw lill-utenti privanti u lill-impriżi b'mod ġenerali l-użu ġenerali sigur tal-Internet, tas-sistemi tal-inforamzzjoni u tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni; jissuġġerixxi lill-Kummissjoni tniedi f'dan ir-rigward inizjattiva pubblika Ewropea ta' edukazzjoni, jistieden lill-Istati Membri jinkludu lill-edukazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà fil-kurrikula skolastiċi mill-aktar etajiet bikrija possibbli;

**Kooperazzjoni pubblika-privata**

33. Jenfasizza r-rwol kruċjali ta' kooperazzjoni sinifikanti u kumplimentari fuq iċ-ċibersigurtà

bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-settur privat, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali, bil-għan li tinħoloq fiduċja reċiproka; huwa konxju li t-tisħiħ ulterjuri tal-affidabbiltà u l-effiċjenza tal-istituzzjonijiet pubbliċi rilevanti se jikkontribwixxi għall-bini ta' fiduċja u għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kritika;

34. Jistieden lis-sħab mis-settur privat jikkunsidraw soluzzjonijiet li jintegraw is-sigurtà mill-waqt tad-disinn meta jkunu qed jiddisinjaw prodotti, apparat, servizzi u applikazzjonijiet ġodda, kif ukoll inċentivi għal dawk li jiddisinjaw prodotti, apparat, servizzi u applikazzjonijiet ġodda bil-karatteristika ċentrali tkun dik tas-sigurtà mill-waqt tad-disinn; jappella biex il-kollaborazzjoni mas-settur privat għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra attakki ċibernetiċi tkun tinkludi standards minimi ta' trasparenza u mekkaniżmi biex jingħata rendikont dwarha;

35. Jenfasizza li l-ħarsien tal-infrastruttura ta' informazzjoni kritika hi inkluża fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-UE fil-kuntest tat-titjib tal-livelli tas-sigurtà għaċ-ċittadini, kif ukoll għall-impriżi fiċ-ċiberspazju;

36. Jappella għall-ħolqien ta' djalogu permanenti ma' dawn is-sħab dwar l-aħjar użu u r-reżiljenza tas-sistemi tal-informazzjoni u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà meħtieġa għat-tħaddim sigur u xieraq ta' dawn is-sistemi;

37. Huwa tal-fehma li l-Istati Membri, l-UE u s-settur privat, b'kooperazzjoni mal-ENISA, għandhom jieħdu miżuri biex iżidu s-sigurtà u l-integrità tas-sistemi tal-informazzjoni, biex jipprevjenu l-attakki u jimminimizzaw l-impatt tagħhom; jappoġġa lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tissuġġerixxi standards ta' ċibersigurtà minimi u sistema ta' ċertifikazzjonijiet għall-kumpaniji kif ukoll biex toffri l-inċentivi tajbin għat-tqanqil tal-isforzi mis-settur privat biex tittejjeb is-sigurtà;

38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri jinkoraġġixxu lis-settur privat u lill-atturi tas-soċjetà ċivili sabiex jinkludu l-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi fil-pjanijiet tagħhom għall-ġestjoni tal-kriżijiet u l-analiżi tar-riskju; jappella, barra dan, biex jiġi introdott taħriġ ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberiġjene essenzjali għall-membri kollha tal-persunal tagħhom;

39. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi rilevanti, tiżviluppa oqfsa u strumenti għal sistema ta' skambju rapidu ta' informazzjoni li tiżgura l-anonimat meta jiġu rrappurtati inċidenti ċibernetiċi għas-settur privat, li jippermettu li l-atturi pubbliċi jinżammu kontinwament aġġornati u li jagħtu assistenza meta din tkun meħtieġa;

40. Jenfasizza l-ħtieġa għall-UE li tiffaċilita l-iżvilupp ta' suq kompetittiv u innovattiv għaċ-ċibersigurtà fl-UE biex tippermetti aktar lill-SMEs joperaw f'dan il-qasam li se jagħti kontribut biex jissaħħaħ it-tkabbir ekonomiku u jinħolqu impjiegi ġodda;

**Kooperazzjoni internazzjonali**

41. Jistieden lill-SEAE jadotta approċċ proattiv fir-rigward taċ-ċibersigurtà u jintegra l-aspett taċ-ċibersigurtà fl-azzjonijiet kollha tiegħu, speċjalment fir-rigward tal-pajjiżi terzi; jitlob li jitħaffu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar kif għandhom jiġu ttrattati

l-kwistjonijiet ta' ċibersigurtà ma' pajjiżi terzi;

42. Jenfasizza li t-tlestija ta' strateġija komprensiva ta' ċibersigurtà tal-UE hija prekundizzjoni biex tiġi stabbilita l-forma ta' kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti dwar is-sigurtà ċibernetika li hija meħtieġa min-natura transkonfinali tat-theddid elettroniku;

43. Jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma ffirmawx jew ma rratifikawx il-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa (il-Konvenzjoni ta' Budapest) sabiex jagħmlu dan mingħajr iżjed dewmien; jappoġġa lill-Kummissjoni u lill-SEAE fl-isforzi tagħhom sabiex jippromwovu l-Konvenzjoni u l-valuri tagħha fost il-pajjiżi terzi;

44. Huwa konxju tal-ħtieġa ta' rispons miftiehem u kkoordinat fuq livell internazzjonali għat-theddid elettroniku; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni, lill-SEAE u lill-Istati Membri jkunu fuq quddiem nett fil-fora kollha, speċjalment fin-Nazzjonijiet Uniti, bi sforzi biex jinkisbu kooperazzjoni interazzjonali usa' u ftehim finali dwar id-definizzjoni ta' fehim komuni ta' normi ta' mġiba fiċ-ċiberspazju kif ukoll jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bil-għan li jiġu żviluppati ftehimiet għall-kontroll tal-armi ċibernetiċi;

45. Iħeġġeġ l-iskambji ta' għarfien fil-qasam taċ-ċibersigurtà mal-pajjiżi BRICS u ma' pajjiżi oħra b'ekonomiji emerġenti, bl-għan li jiġu eżaminati r-risponsi komuni possibbli għaċ-ċiberkriminalità u l-attakki ċibernetiċi dejjem jiżdiedu; kemm f'livell ċivili kif ukoll dak militari;

46. Iħeġġeġ lill-SEAE u lill-Kummissjoni jadottaw approċċ proattiv fil-fora u fl-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari n-NU, l-OSKE, l-OECD u l-Bank Dinji, bil-għan li jkun applikat id-dritt internazzjonali eżistenti u li jinkiseb kunsens dwar in-normi għal imġiba responsabbli tal-Istat fuq iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża, u billi jiġu kkoordinati l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri bil-għan li jiġu promossi l-valuri ewlenin tal-UE u l-politiki fil-qasam taċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża;

47. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, bħala parti mid-djalogi, mir-relazzjonijiet u mill-ftehimiet ta' kooperazzjoni tagħhom ma' pajjiżi terzi, partikolarment dawk li jipprevedu l-kooperazzjoni jew l-iskambju fil-qasam tat-teknoloġija, jinsistu fuq rekwiżit minimi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ċiberkriminalità u l-attakki ċibernetiċi; kif ukoll fuq standards minimi fis-sigurtà tas-sistema tal-informazzjoni;

48. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita u tgħin lil pajjiżi terzi fl-isforzi tagħhom biex jekk ikun meħtieġ jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom ta' ċibersigurtà u ċiberdifiża;

**Kooperazzjoni man-NATO**

49. Itenni li, abbażi tal-valuri komuni u l-interessi strateġiċi tagħhom, l-UE u n-NATO għandhom ir-responsabbiltà u l-kapaċità speċjali li jindirizzaw l-isfidi marbuta maċ-ċibersigurtà b'mod aktar effiċjenti u f'kooperazzjoni mill-qrib, billi jħarsu lejn punti kumplimentari possibbli, mingħajr ma jkun hemm duplikazzjoni u b'rispett għar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

50. Jenfasizza l-ħtieġa li jakkomunaw u jikkonvidu fuq livell prattiku, minħabba n-natura kumplimentari tal-approċċ tal-UE u tan-NATO għaċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża;

jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koordinament eqreb, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-ippjanar, it-teknoloġija, it-taħriġ u t-tagħmir fir-rigward taċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża;

51. Filwaqt li jibnu fuq l-attivitajiet kumplimentari eżistenti fl-iżvilupp tal-kapaċità ta' difiża, iħeġġeġ lill-korpi kollha rilevanti tal-UE li jittrattaw iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża biex japprofondixxu l-kooperazzjoni prattika tagħhom man-NATO bil-għan li jiskambjaw l-esperjenza u jitgħallmu kif jibnu reżistenza għas-sistemi tal-UE;

**Kooperazzjoni mal-Istati Uniti**

52. Jemmen li l-UE u l-Istati Uniti għandhom ikabbru l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom biex jiġġieldu kontra ċ-ċibertattaki u ċ-ċiberkriminalità, peress li din saret prijorità tar-relazzjoni transatlantika wara s-Summit ta' Lisbona tal-2010 bejn l-UE u l-Istati Uniti;

53. Jilqa' l-ħolqien, fis-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti ta' Novembru 2010, tal-Grupp ta' Ħidma UE-Stati Uniti dwar iċ-Ċibersigurtà u ċ-Ċiberkriminalità, u jappoġġa l-isforzi tiegħu sabiex jinkludi l-kwistjonijiet ta' ċibersigurtà fid-djalogu dwar il-politika transatlantika;

54. Jilqa' t-twaqqif konġunt mill-Kummissjoni u mill-Gvern tal-Istati Uniti, taħt il-kappa tal-Grupp ta' Ħidma UE-Stati Uniti, ta' programm komuni u ta' pjan dwar iċ-ċibereżerċizzji transkontinentali konġunti/sinkronizzati fl-2012/2013; jieħu nota tal-ewwel Ċibereżerċizzju Atlantiku fl-2011;

55. Jenfasizza l-ħtieġa li kemm l-Istati Uniti u kemm l-UE, bħala l-ikbar sorsi kemm ta' ċiberspazju kif ukoll ta' utenti, jaħdmu flimkien għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini tagħhom li jużaw dan l-ispazju; jenfasizza li, waqt is-sigurtà nazzjonali hi objettiv tal-ogħla importanza, għandha mhux biss tiġi garantita s-sigurtà taċ-ċiberspazju iżda għandu wkoll jiġi protett;

56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-RGħ/VP, lill-EDA, lill-ENISA u lin-NATO.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 10.10.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 47<br>–: 3<br>0: 6 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Bastiaan Belder, Franziska Katharina Brantner, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Tarja Cronberg, Arnaud Danjean, Mário David, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Maria Eleni Koppa, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Mario Mauro, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Ria Oomen-Ruijten, Justas Vincas Paleckis, Bernd Posselt, Cristian Dan Preda, Fiorello Provera, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Sophocles Sophocleous, Laurence J.A.J. Stassen, Kristian Vigenin, Sir Graham Watson, Karim Zéribi |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Charalampos Angourakis, Elena Băsescu, Jean-Jacob Bicep, Véronique De Keyser, Diogo Feio, Elisabeth Jeggle, Indrek Tarand, Sampo Terho, László Tőkés, Traian Ungureanu, Luis Yáñez-Barnuevo García |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Joseph Cuschieri |